# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX.

No. 13 Lulju - Awissu 1983


## ĠORĠJANI . . . u ĠORĠJANI



**San Ġorġ: qaddis u suldat nobbli ta' Kristu.**
**San Ġorġ: gwerrier tal-Milizja Celesti.**
**San Ġorġ: rebbieħ tal-mewt u tat-tiranni.**

*San Pier Damiani*

Reġgħet waslet il-festa! Wasal San Ġorġ! Il-qlub tal-Ġjorġjani jintlew bil-ferħ, u riġlejna jmexxuna ħerqana lejn il-Maqdes Ġorġjani, fiċ-ċentru tal-Belt. Il-Knisja timtela'; it-toroq jiżżejnu; in-noti ferrieħa tal-marċi jingħaqdu mat-Tokki solenni tal-qniepen ġorġjani.

U meta titfa' il-ħarsa tiegħek fuq il-ġemgħa miġbura tħossok kuntent, u faċli ttenni l-kelmiet: Dawn kollha Ġorġjani.

Iżda ma ngħaġġlux! Għaliex fost dik il-miġgħema, hemm Ġorġjani u Ġorġjani. Hemm Ġorġjani ta' l-isem u Ġorġjani tal-fatt. Hemm Ġorġjani tal-festa, u Ġorġjani tas-sena kollha.

Min hu l-veru Ġ orġjan?

- Huwa int li tqim lil San Ġorġ f'kull għodwa li tgħaddi minn fuqek. Tqimu ifisser: timitah, tpoġġih mudell għalik, tħallih kuljum iwasslek biex temmen iktar f'Alla.
- Huwa int li l-knisja tiegħek hija l-Knisja ta' San Ġorġ, u fiha tmur ta' kuljum għall-qadi tad-dmirijiet tiegħek bħala nisrani. Li lilha tagħżel għall-avvenimenti l-iżjed importanti ta' ħajtek: il-preċett, il-Griżma, ż-żwieġ, il-magħmudija, etc.
- Huwa int li kontinwament tagħti s-sehem tiegħek biex tagħmel minn San Ġorġ parroċċa ħajja, billi tattendi għall-laqgħat ta' formazzjoni li jsiru, tieħu sehem fil-Kumitati tal-parroċċa, jiġifieri dawk tal-Liturġija, Duttrina u Promozzjoni Umana.
- Huwa int li tgħin bil-kontribuzzjonijiet tiegħek sabiex din il-Parroċċa tibqa' taqdi l-missjoni tagħha fid-dinja ta' llum.

Jekk INT qed tagħmel dan kollu, ifraħ, għaliex il-festa ta' San Ġorġ hija verament il-festa tiegħek. Jekk forsi sa' llum inti kont Ġorġjan tal-festa, ibda' minn issa agħmel dan li semmejna, u sena oħra anke int tkun tista' tgħid: Jien Ġorġjan!!! Din hi l-festa tiegħi!!

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA

| | |
|---|---|
| 7.5.83 | ISABELLE, bint Mario Cassar u Maria Rose Abela |
| 21.5.83 | STEPHEN, iben Joseph Cassar u Maria Dolora Mizzi |
| 22.5.83 | VICTOR-JOHN, iben Victor J. Borg u Miriam Xerri |
| 28.5.83 | MARIA ROSE, bint Vincent Bonello u Francesca Vella. |
| 4.6.83 | PAULIANA, bint Emmanuel Agius u Rosaria Sacco. |

## INGĦAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI

| | |
|---|---|
| 30.4.83 | Rosienne Muscat u Raymond Cini |
| 7.5.83 | M'Dolores Bugeja u Joe Debono |
| 28.5.83 | Tereza Xuereb u Giovanni Vella |
| 4.6.83 | Mary Rose Attard u Lewis Cassar |
| 4.6.83 | Carmela Cassar u Publio Buttigieg |
| 24.6.83 | Georgette Muscat u Anthony Farrugia |
| 25.6.83 | M'Ursula Galea u Joseph Farrugia |

| | |
|---|---|
| 21.5.83 | Anton Portelli |
| 26.5.83 | Francesca Zammit |
| 14.6.83 | Toni Said |

## NILTAQGĦU NHAR

**LULJU 1983**

**Il-Ġimgħa 1** L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Jum Adorazzjoni.
**Is-Sibt 2** L-ewwel Sibt tax-Xahar.
**Il-Ħamis 7** It-8 Ħamis ta' San Ġorġ. Quddiesa bl-Omelija fis-7.00 p.m.

**Mill-Ħadd 10 sal-Ħadd 17 FESTI SOLENNI F'ĠIEĦ SAN ĠORĠ (Programm paġni 4 -5)**

**Il-Ħadd 24** Mil-lum 'l quddiem il-Ħadd fil-għaxija jkollna quddiesa waħda fil-5.00 p.m.

**AWISSU 1983**

**Il-Ġimgħa 5** L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar Jum Adorazzjoni.
**Is-Sibt 6** It-TRASFIGURAZZJONI TAL-MULEJ (Is-Salvatur) Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Isqof Cauchi'

**It-Tnejn 15** **Solennità tat-tlugħ fis-Sema tal-B.V. Marija Festa Kmandata. Obbligu tal-Quddies.**

**Il-Ħamis 18** Sant Elena, Awgusta Mperatriċi.


# TOUR TA' L-ANNO SANTO

BAQA' FTIT POSTIJIET BISS!

**Tluq it-Tlieta 26 ta' Lulju — Lura it-Tnejn 1 ta' Awissu**

**PREZZ Lm 138**

*Titlifx din l-okkażjoni li żżur Ruma f'din is-Sena Mqaddsa tar-Redenzjoni*

Ċempel: Bażilika San Ġorġ — 556377 Vjaġġi Montebello — 8/27732

# TNEJN LEJK . . . TLIETA LEJJA!!!

Fi żmienna ta' spiss nisimgħu bil-kelmiet, xi drabi bombastiċi — rikonċiljazzjoni, tiġdid, attwalità, riforma, u ħafna oħra bħal dawn. Imma meta niġu biex napplikawhom dejjem insibu li kważi kull bniedem jipprova japplikahom fuq ħaddieħor u jew għal ħaddieħor, u qatt, jew kważi qatt, għalih innifsu. Kulħadd irid jirriforma lil sħabu u donnu hu stess miexi fi triq perfetta u organizzata tant tajjeb li l-inqas biss ma jaħseb li hu għandu wkoll x'jirriforma. Wieħed kittieb ingliż darba qal: "Biex wieħed jitgħallem jirriforma ruħu, irid iżomm quddiem għajnejh li meta jkun qed juri b'żewġ swaba, id-difetti ta' sieħbu, huwa stess ikollu tliet iswaba qed juru d-difetti tiegħu," allura jeħtieġlu li l-ewwel jibda mirriforma tiegħu nnifsu, imbagħad jgħaddi għal dik ta' l-oħrajn. B'hekk ir-rikonċiljazzjoni tkun tista' tħalli ħafna frott u tagħmel riforma mhux biss f'min jużaha imma wkoll f'min jaraha.

Fost dawn ir-riflessjonijiet li wieħed għandu jagħmel, irid l-ewwel u qabel kollox, iħares lejh innifsu biex jara b'lenti ċar u bla skużi, iddifetti jew nuqqasijiet li għandu, u li jikkommetti ta' spiss fil-ħajja tiegħu. Irid japplika l-prinċipju ta' l-egoiżmu u f'din ilħajja jibda jitgħallem jgħid: "L-ewwel jien, imbagħad l-oħrajn" għax inkella kulħadd jibqa' fejn kien. Hija ħaġa faċli li wieħed jilmenta mid-dlam, imma hija ħaġa tassew diffiċli u drabi impossibbli li jixgħel sulfarina biex, almenu jdawwal dik iż-żona ta' ħdejh. B'dan l-egoiżmu, il-bniedem li tassew irid jibda' ħajja ġdida u jasal għar-riforma, jkun kapaċi biex jara d-difetti tiegħu u wara li jkun għamel dawk l-isforzi meħtieġa biex ifejjaqhom, ikun jista' jibda jagħti l-għajnuna meħtieġa lil dawk ta' madwarhu. Mela, f'ċirkustanzi ta' riforma għandi dejjem inkun egoist, biex nibda minni stess għax inkella, jkun għal xejn li noqgħod nitbaqbaq fuq innuqqasijiet ta' l-oħrajn, meta jien inkun mimli b'dawk tiegħi.

Waħda qaddisa kienet dejjem tgħid: "Ejjew kull waħda minna, nirriformaw lilna nfusna biex id-dinja kollha tkun tista' tgħix ħajja tassew tajba. Biex ma jkunx hemm iktar inkwiet, u għelt fost il-bniedmin." Xi kultant fil-ħajja, wieħed jiltaqa' ma nies li donnhom jifhmu f'kollox u jafu kollox. Ma jridu lil ħadd jindaħlilhom fil-ħajja u fix-xogħol tagħhom, imbagħad ħalli huma il-ħin kollu jqarrsu xuftejjhom għal dak li jagħmel ħaddieħor u xejn ma jkun jikkontentahom ħlief il-miserja ta' xogħol li jkunu għamlu huma. Dawn ittalin għandhom iżommu quddiem għajnejhom li, waqt li qegħdin jikkritikaw lil sħabhom, qegħdin jitfgħu l-ġebla fuq saqajjhom, għax waqt li b'żewġ subgħajn qegħdin juru id-difetti ta' ħuthom ilbniedmin, bi tlieta oħra qegħdin juru id-difetti tagħhom.

Mela, għall-ġieħ tas-sewwa, tajjeb li lkelmiet li semmejna fuq, iridu jkunu applikati għalina l-ewwel. Hekk il-kelmiet ta' rikonċiljazzjoni, aġġornament, attwalità u ħafna oħra bħal dawn, ikollhom żgur il-frott tagħhom. Sa kemm ma naslux biex ngħammlu dan il-pass fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna, aħna nibqgħu dejjem sejrin lura bla ma nintebħu sa ma flaħħar insibu ruħna fil-qalba tal-konfużjoni ta' ħajjitna, bla ebda bieb li minnu nkunu nistgħu noħorġu. Huwa f'dan il-punt li aħna insiru pessimisti, ma jogħġobna xejn u nikkritikaw kollox u lil kulħadd.

Mela, ejjew nieqfu ftit fil-ħajja tagħna u nibdew bil-mod il-mod, anke jekk ikollna nbatu xi ftit nirriflettu u naraw x'hemm fina li għandu jiġi riformat, irrikonċiljat, aġġornat, biex naghtu daqqa t'id lid-dinja ta' żmienna li tant teħtieġ din il-mediċina tajba u effikaċi.

# TFAL TA' L-EWWEL TQARBINA 1983

**Attard George, Buttigieg Sylvio, Camilleri Alessio, Camilleri Francesco, Cassar Jesmond, Cutajar George, Farrugia George, Farrugia Paul, Formosa Joseph, Galea Anthony, Rapa Carmel, Sagona Mark, Said George, Sant Tonio, Spiteri George, Zammit James, Zammit Frankie. Attard Carmen, Apap Maureen, Aquilina Pamela, Camilleri Elizabeth, Cardona Claudette, Cassar Elizabeth, Cassar Mariella, Curmi Dorianne, Debono Francelle, Ellis Georgeen, Farrugia Gracie, Farrugia Stephanie, Galea Jennifer, Galea M. Georgette, Gauci Marla, Grech Marla, Grima Josianne, Portelli Nadienne, Rapa Rose Mary, Sultana Mary Louise, Xerri Patricia, Scicluna Marika, Xuereb Jenese Nancy, Vella Marietta, Vella Maria Anne, Zammit Sharon.**

# PROGRAMM TAL-FESTA SAN Ġ

**Il-Ħadd, 10 ta' Lulju: JUM IS-SAĊERDOTI**

**9.00 a.m.** Konċelebrazzjoni Solenni mill-Kapitolu tal-Bażilika bħala ftuħ tal-festi.

**11.00 a.m.** Quddiesa ta' radd il-ħajr mill-Kan. Dun N. Vella Apap f'egħluq il-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

**It-Tnejn 11 ta' Lulju: JUM IL-FAMILJA**

**7.00 p.m.** Quddiesa għall-Miżżewġin. Imexxi Dun Anton Borg.

**It-Tlieta, 12 ta' Lulju: JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

**6.30 p.m.** Quddiesa għaż-żgħażagħ — ġuvintur u xebbiet tal-Parroċċa. Imexxi Dun Effie Masini.

**7.30 p.m.** Ħruġ minn niċċa ta' l-Istatwa ta' San Ġorġ — l-ewwel statwa titulari t'Għawdex.

**L-Erbgħa, 13 ta' Lulju: JUM IL-MORDA U L-INKAPAĊITATI**

**4.30 p.m.:** Quddiesa għall-morda u l-inkapaċitati minn Dun Tarċisju Camilleri. Jiġi amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-Morda. Tingħata tifkira lil dawk li jattendu.

**6.30 p.m.** Għasar Kantat u Priedka mill-W.R. Patri Gwardjan Ġorġ Zammit O.F.M.Konv., S.Th.L. (Past): Mag. Mus. Sag. Wara l-priedka, Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**9.30 p.m.** Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel bis-sehem tal-banda ċittadina "La Stella". Logħob tan-Nar fi Triq ir-Repubblika.

**Il-Ħamis: 14 ta' Lulju: JUM IT-TFAL**

**8.15 a.m.** Konċelebrazzjoni b'suffraġġju tal-membri tal-Komunita Parrokkjali li mietu matul din is-sena.

**5.00 p.m.** Quddiesa mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi għat-tfal kollha tal-Parroċċa. Premjazzjoni lill-aħjar tfal li jattendu ċ-Ċentru tad-Duttrina.

**6.30 p.m.** Għasar Kantat, Priedka u kollox bħal jum ta' qabel.

**9.30 p.m.** Marċ mill-banda "La Stella" mat-toroq ta' madwar il-Bażilika.

**Il-Ġimgħa, 15 ta' Lulju: JUM IL-BENEFATTURI U L-EMIGRANTI**

**8.15 a.m.:** Konċelebrazzjoni mill-kapitolu tal-Kolleġġjata għall-benefatturi ħajjin u mejtin.

**5.00 p.m.** Quddiesa għall-emigranti

**6.00 p.m.** Għasar, Priedka u kollox bħal jumejn ta' qabel.

**9.30 p.m.** Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ bis-sehem tal-baned "La Stella" u "Victory". F'din l-okkażjoni l-banda "La Stella" iżżanżan sett ġdid ta' marċi brijużi. Logħob kbir tan-nar fi Triq ir-Repubblika maħdum mill-aħwa Farrugia.

**Is-Sibt, 16 ta' Lulju: LEJLET IL-FESTA**

**8.15 a.m.:** Konċelebrazzjoni mill-Kapitolu għas-saċerdoti mejtin li ħadmu fil-Parroċċa u kant ta' Te Deum bħala għeluq tat-Tridu.

**9.00 a.m.** Marċ brijuż mill-banda "La Stella"

**5.30 p.m.** Quddiesa li tissodisfa l-obbligu tal-Ħadd.

**6.45 p.m.** Marċ mill-Banda "La Stella" mill-Każin sa Pjazza San Ġorġ.



# ORĠ  10 — 17 ta' Lulju, 1983



**7.15 p.m.** Wasla ta' l-Eċċ.Tiegħu Mons. Isqof Nikol, Dekan tal-Kapitolu Ġorġjan. Għasar Pontifikali immexxi wkoll mill-E.T. Mons. Isqof assistit mill-Kapitolu u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**8.15 p.m.** Programm Mużikali mill-Filar. "King's Own" tal-Belt Valletta. Jidderieġi Mro. Clo. Caruana.

**9.00 p.m.** Marċ mill-banda "Prekursur" u programm fit-Tokk mill-istess banda.

**9.30 p.m.** Marċ trionfali u uniku mill-baned "King's Own" u "La Stella" fejn iż-żewġ baned fi Triq ir-Repubblika jdoqqu l-marċi tagħhom flimkien.

**11.30 p.m.** Esekuzzjoni mill-banda "La Stella" ta' l-innu "A San Giorgio" kapolavur ta' Mro. G. Giardini Vella bis-sehem ta' Tenur, Baritonu u Kor. Jidderieġi Mro. Joe Vella B. Mus. (Dunelm) F.L.C.M. Wara logħob kbir tan-nar fi Triq ir-Repubblika maħdum mill-aħwa Farrugia.

**Il-Ħadd, 17 ta' Lulju: JUM IL-FESTA**

**8.00 a.m.** Il-Banda "King's Own" tilqa b'daqq ta' marċi ferrieħa l-wasla ta' Mons Isqof Djoċesan.

**8.15 a.m.** Kant tat-Terża.

**8.30 a.m.** Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof t'Għawdex Nikol Cauchi Ph.D., Lic.Sc.Soc. Jinseġ il-Paniġierku l-Arċipriet tal-Parroċċa l-Wisq Rev. Mons. Emm. Mercieca Prel. d'Onore, Prot. Apost.

**10.05 a.m.** Il-Banda "La Stella" ixxandar fuq Cable Radio l is-sett ġdid ta' marċi tagħha.

**10.30 a.m.** Marċ brijuż u popolari mill-Filar. "King's Own"

**3.30 p.m.:** Tiġrijiet kbar tal-bhejjem minn Malta u Għawdex.

**6.30 p.m.:** Għasar Solenni mmexxi minn Mons. Arċipriet Emm. Mercieca. Antifona Ċelebrazzjni Ewkaristika. Marċi mill-baned "Victory" u "La Stella".

**7.30 p.m.** Tibda ħierġa l-purċissjoni pontifikali. Daqq ta' l-innu mmortali "A San Gorgio" mill-banda La Stella.

**8.00 p.m.** Tibda timmarċja l-purċissjoni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof bis-sehem tal-Kapitolu Ġorġjan u ta' l-Ordnijiet Reliġjużi tal-Belt Victoria. Takkumpanja l-banda "La Stella" b'daqq ta' marċi reliġjużi.

**8.15 p.m.** Programm mużikali fit-Tokk mill-banda "Victory" u ieħor fi Pjazza San Ġorġ mill-banda "Mnarja"

**10.00 p.m.** Daħla trionfali ta' l-istatwa ta' San Ġorġ fil-Bażilika

**10.30 p.m.** Il-Banda "La Stella" tagħlaq dawn il-festi b'marċ brijuż.

*Nhar il-festa jkun hemm quddies fil-Bażilika f'dawn il-ħinijiet: 4.00 a.m., 5.00 a.m., 6.00 a.m., 6.30 a.m., 7.00 a.m., 8.30 a.m. (Pontifikal), 10.30 a.m., 11.00 a.m., 12.00 a.m., 1.00 p.m., 4.00 p.m. u 5.00 p.m.*

*N.B. Il-Mużika fil-Bażilika tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro Joe Vella B.Mus (Dunelm) F.L.C.M. Fil-Pontifikal ta' nhar il-festa tieħu sehem il-Choral Society.*
*L-Illuminazzjoni tkun tad-ditta Ġorġ Zammit (Qormi)*
*Il-Ġorġjani kollha huma mheġġa jqimu lill-patrun tagħhom u ta' Għawdex bi qrara u tqarbina.*

*Jiktbilna s-Sur Ġuże Cardona M.A.*



# L-Isbaħ Virtù — Il-Maħfra

Hemm ħafna virtujiet imfaħħrin minn Kristu bħall-umiltà, il-faqar u s-safa li aktar jinvolvu lill-bniedem miegħu nnifsu; iżda hemm oħrajn li jinvolvuna ma' għajrna u li nsibuhom diffiċli biex inħaddmuhom. Għandi f'moħħi l-virtù tal-maħfra, li mingħajrha twassal lil ħafna nies biex jibqgħu jinbagħdu ħajjithom kollha. Biex aħna l-Maltin noħorġu l-għerf tagħna, ħriġna l-għajdut: "Naħfer iva, ninsa le", li lili tħassibni kemm il-Maltin jaħfru tabilħaqq minn qalbhom.

Kultant jagħtik x'taħseb kemm l-insara jemmnu dak li jistqarru fit-twemmin nisrani, u donnhom il-fidi ħaduha bħala **konvenzjoni** u mhux b'**konvinzjoni**. Jekk ngħidu fil-Missierna: "aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina . . ." u malli noħorġu mill-knisja ndawru wiċċna n-naħa l-oħra għax għaddej xi ħadd li kellna xi ngħidu miegħu, inkunu qed nistqarru pubblikament li t-tagħlima ta' Kristu ċħadnieha.

**Qisna għadna fil-Medju Evu**

Fit-twemmin tagħna m'hemmx kompromessi jew int konvint minn dak li tistqarr u twettaq bla riservi, jew qiegħed tidħaq bik innifsek, u mhux b'Alla. Imma fil-ħajja hemm ġrajjiet ta' niket li twalu s-snin ħtija ta' nuqqas ta' maħfra għax baqgħet tixxettel il-mibegħda, baqgħet tinfirex il-pika, it-tpattija, jew l-irġulija, kif inħobbu nsejħulha aħna l-Maltin — ma tkunx raġel jew mara jekk taqa' għalih jew għaliha! Qisna għadna fil-Mejdu Evu meta kull rifront kien jitħallas bid-dwell u min kien tabilħaqq kavalier ma setax iħalli nuqqas għaddej bla ma jsaffi ġieħu mtebba', bla ma jixtered id-demm. Hekk kienu jagħmlu l-familji nobbli ta' l-akbar bliet ta' l-Italja u ta' l-Iskozja, kif jagħmlu llum il-fazzjonijiet tal-Mafia u tal-Kamorra fi Sqallija u f'Napli.

Imma aħna l-insara rridu niftakru li din hu s-sistema żbaljata tad-dinja, it-twemmin qadim tal-Lhud li kien jitlob bi tpattija **sinna b'sinna u għajn b'għajn**. Iżda kif kulħadd jaf, Kristu ġie biex itejjeb il-liġi możajka u jinnobilità kull għemil tal-bniedem, mill-qagħda tal-mara li kienet ilsira tar-raġel saż-żwieġ li ma jinħallx, u kull relazzjoni soċjali bejn il-bnedmin li huma kollha wlied Alla.

**Istint tal-bhejjem**

It-tpattija u l-pika dejjiema hi l-istint tal-bhejjem bla raġuni, u l-Malti ħoloq espressjonijiet bħal 'kelb u qattus', L-istorja wkoll ħolqot l-egħdewwa tradizzjonali bħall-Ingilterra u Franza jew il-Ġermanja u Franza, meta dawn, immexxija mill-istinti għomja tagħhom, ħallew il-mibegħda ssuqhom lejn gwerer qerrieda, b'telf ta' ħajjiet, qerda ta' bliet u niket bla tarf. Iżda fl-aħħar tgħallmu li l-għaqda u l-maħfra aħjar mill-ġlied u l-mibegħda u waslu biex ftiehmu. Dawn m'għamlux bħalna l-Maltin u l-Għawdxin u qalu: "Naħfru iva, ninsew le!" — sakemm 'ninsew le' ma nagħuhiex it-tifsira pożittiva, ma ninsewx il-ħsara li għamilna biex ma nerġgħux nirrepetuha. Hekk iva, l-espressjoni tagħmel sens, u aħna l-insara għandna nwettquha.

**In-Nisrani jaħfer**

Fil-bidu għidt li l-virtù tal-maħfra hi diffiċli għax tinvolvi lilna u lil għajrna, u għalhekk hi tqila, għax trid tagħmel sforz kbir biex taħfer lil min jagħmillek ħsara. Dan l-isforz ikun itqal jekk ma jkunx hemm il-ħsieb t'Alla. Hu stess qalilna li l-pagani wkoll iħobbu lill-ħbieb tagħhom, imma hu riedna, bħala nsara, inħobbu wkoll lill-egħdewwa.

Nisthajjel li l-qarrejja jistaqsuni: "Imma inti ma bghadt lil ħadd?" jew "Qatt m'għamilt ħsara lil ħadd?" Nitkellmu dwar il-mibegħda l-ewwel. Ikolli ngħid li t-tfal jitgħallmu l-mibegħda, it-tpattija, il-vendikazzjoni mill-ambjent fuq ix-xogħol u kull ma jista' jinfluwenza ħajjet ħaddieħor jista' jgħallem bl-imġiba tiegħu l-mibegħda lil ta' madwaru. U dan hu minnu. Ħarsu lejn familji fejn il-missier jew l-omm dejjem iridu jpattuha lil għajrhom . . . disgħa u disgħin fil-mija l-ulied forsi mhux kollha, joħorġu bħalhom. Hekk ukoll prinċipal imdorri jaħqar lill-ħaddiema, ta' taħtu jfittxu kull okkażjoni biex ipattuhielu. U l-istorja tibqa' sejra matul is-snin!

Mela biex naqtgħu **l-mibegħda trid tispiċċa minn fuq**, u biex inwieġeb personalment, illum li għalaqt 61 sena, missieri sakemm miet ta' 49 sena meta kelli 19-il sena, qatt ma smajtu jgħid kontra ħadd. Mhux hekk biss, qatt ma

semmieli li ħabib tiegħu kien daħaq bih u fl-1930 baramlu £300, u dan biex ma jnissilx fija jew f'ħuti ż-żerriegħa tal-mibegħda. Hekk għandhom jagħmlu l-ġenituri ma' uliedhom — ma jlissnu qatt ġrajjiet li jistgħu b'xi mod iħajru lil uliedhom biex jivvendikaw irwieħhom.

Dwar il-ħsara, kulħadd jagħmel xi ftit, jekk ma jkunx qaddis, u qaddisin ftit hawn. Jien ukoll, ikolli nistqarr, li xi ħsara għamilt, imma malli ntbaħt biha xtaqt insewwiha u nitlob maħfra lil min weġġajt. U hawnhekk tidħol l-irġulija. **Raġel jew mara, mhux min ipattiha, iżda min jammetti l-ħtija u jitlob skuża.** Hekk tgħallimna r-reliġjon tagħna u hekk għandna nagħmlu!

**Laqatni l-ħsieb ta' Briffa**

dan il-ħsieb tal-maħfa jwassalna għal-letteratura tagħna. Dejjem laqatni l-ħsieb tal-poeta Rużar Briffa fil-poeżija "L-Għid tal-maħfra" u fl-oħra "Wieħed Biss". F'ta' l-ewwel jitkellem dwar il-mibegħda millenarja ta' Maltin u Torok — kull sena aħna nfakkru fit-8 ta' Settembru **L-Għid tar-Rebħa.** Imma Rużar Briffa, li bata ħafna, daħħal l-idea tal-maħfra wkoll lejn it-Torok. Fl-oħra jgħallimna li m'għandniex noboghdu lill-agħar midinbin għax Kristu lill-Madalena ħafrilha, imma dawk li għamlu mill-mibegħda twemminhom, baqgħu joboghdu mhux biss lilha imma wkoll lilu:

"U tkexkxet il-kotra miġmugħa filqrib
u ħolmot għal Wieħed il-mewt fuq Salib".


ASTRA TOURS ASTRA TOURS ASTRA TOURS ASTRA TOURS

**TOUR I** -- **14 il-ġurnata** *Tluq: 31 ta' Lulju - Lura: 13 ta' Awissu*

**SPANJA — FRANZA — ITALJA**

**TOUR II** —— **17 il-ġurnata** *Tluq: 18 ta' Awissu Lura: 3 ta' Settembru*

**AWSTRIJA — UNGERIJA — ITALJA — CEKOSLOVAKKJA — GERMANJA**

**ŻEWĠ TOURS FAVOLUŻI**

*Dawk interessati għandhom javviċinaw lis-*
**Sur Paul M. Cassar, Organizzatur ta' l-Astra Tours** *(Tel: 551004 / 556256 / 556200)*


## Tislima lil Dr. Anton Buttigieg

*Il-Board Editorjali ta' "Il-Belt Victoria" jixtieq minn dawn il-kolonni jsellem lil Dr. Anton Buttigieg, ex-President tar-Repubblika ta' Malta, poeta magħruf u Għawdxi bħalna. Dr. Buttigieg miet nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Mejju, 1983. Dr. Buttigieg żar il-Bażilika tagħna tliet darbiet. Darbtejn minnhom ġie għall-funzjonijiet li jsiru nhar il-Ġimgħa l-Kbira u nhar il-festa ċentinarja li saret f'Lulju, 1978. Dr. Buttigieg attenda għall-Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal E. Florit. Fil-waqt li mill-ġdid nsellmulu nagħtu l-ghomor lill-familjari tiegħu u j'Alla l-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.*



Fir-ritratt Dr. Buttigieg jidher ma' Mons. Arċipriet f'waħda miż-żjarat tiegħu.

## Nifirħu

Il-Bord Editorjali flimkien mal-Komunità kollha jifirħu liż-żewġ seminaristi tal-parroċċa tagħna ALFRED XUEREB u JOE ZAMMIT li ġew ordnati DJAKNI mill-Ecc. Tiegħu Mons Isqof Nikol Cauchi nhar is-Sibt 25 ta' Ġunju 1983 fil-Katidral.

# ERBA' QADDISIN DWAR SAN ĠORĠ



*Il-mazza tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tagħna narawha ta' spiss. Tajjeb li nkunu nafu xi ħaġa dwar il-figuri li hemm fuqha. L-ewwelnett insibu l-figura maestuża ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel li tinsab fuq boċċa interzjata. Iktar l-isfel hemm erba' qaddisin. Dawn huma San Ġwann Grisostmu, San Girgor il-Kbir, Papa San Żakkarija u Il-Kardinal San Pier Damiani. Figuri ta' dawn l-erba' qaddisin insibuhom ukoll mat-twieqi fil-kor tal-Bażilika, xogħol tal-professur Giam Battista Conti. Għaliex, forsi wieħed jistaqsi, tpoġġew dawn l-erba' u mhux oħrajn? It-tweġiba tinsab meta wieħed jifli bir-reqqa dak li qalu u għamlu dawn il-Qaddisin dwar il-Megalomartri San Ġorġ.*

## San Ġwann Ġrisostmu: (Seklu IV)

Tela' fuq it-tron *ta'* Kostantinopli fis-sena 398 W.K. Kellu tifħir kbir lil San Ġorġ, il-Megolomartri, u fost il-frażijiet li biha żejjen lil San Ġorġ, insibu "Prinċep tal-Martri", u anke il-"Corifeo", jiġifieri "Kap tal-Martri kollha".

## SAN GIRGOR IL-KBIR: (Seklu VI)

Imsemmi ħafna għal qdusija, għall-għerf u għall-affarijiet kbar li hu wettaq matul ħajtu. Niseġ kuruna mill-isbaħ lil San Ġorġ. Kien devot kbir tiegħu, bħalma jistqarr il-Finicchiaro. Poġġa lil San Ġorġ fl-**Antifonarium** tiegħu. Kiteb Antifoni, salmi u talb għall quddiesa ta' San Ġorġ tat-23 ta' April u inkludihom fis-**Sacramentario** tiegħu. Kiteb ukoll il-Prefazju ta' din il-quddiesa.

## PAPA SAN ŻAKKARIJA (Seklu VIII)

Dan il-Papa kien ta' nazzjonalità Griega. Kien devot u ammiratur ta' San Ġorġ. Il-Bibljotekarju Atanasio jgħid li dan il-Papa, biex ikabbar id-dekor u l-venerazzjoni lejn il-Bażilika tal-Velabro, ittrasporta hemmhekk b'ferħ kbir ir-Ras tal-Glorjuż martri.

## KARD. SAN PIER DAMIANI: (Seklu XI)

Kien jifforma parti mill-Ordni ta' San Benedittu. Kardinal u duttur l-iżjed għaref tal-Knisja. Fisser bi kliem mill-isbaħ l-isem ta' ĠORĠI, u ikkummenta dwar il-virtujiet li bihom San Ġorġ kien imżejjen. Tkellem ukoll dwar il-martirju li San Ġorġ irċieva kif ukoll dwar il-prodiġji kbar li wettaq.

# GRIŻMA TA' L-ISQOF 1983

**Attard George, Azzopardi John, Azzopardi Peter Paul, Camilleri Brian, Caruana David, Cauchi Joseph, Cini Charles, Curmi Joseph, Debono Silvan, Ellis George, Mercieca John, Muscat Joseph, Pace Michael, Rapa Noel, Sacco Mark, Scicluna Paul.**
**Bajada Marthese, Camilleri Karen, Caruana Josepha, Cassar Simone, Farrugia Simone, Fenech Margot Ann, Grech Josette, Mizzi Louis Ann Sacco Deborah, Schembri Dorianne, Scicluna Maria Stella, Xuereb Maureen, Zammit Liliana.**

# Donazzjonijiet għar-Rivista

**G. Ballucci Lm1., M. Cremona 50c, Kan. Koronato Grima Lm1., Vivian Borg (Canada) Lm2.**

A & M Printing Ltd. Qala, Għawdex Tel 553217